PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0369/2012**

12.11.2012

# RAPPORT

bir-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar Liġi ta’ Proċedura Amministrattiva tal-Unjoni Ewropea
(2012/2024(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Luigi Berlinguer

(Inizjattiva – Artikolu 42 tar-Regoli ta’ Proċedura)

PR_INI_art42

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..............................3

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI RIGWARD IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA ..........................7

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................12

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET ...............................................14

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI .........................18

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT ..............................................24

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**bir-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar Liġi ta' Proċedura Amministrattiva tal-Unjoni Ewropea**
**(2012/2024(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi li d-dritt għal amministrazzjoni tajba huwa dritt fundamentali,

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[2],

– wara li kkunsidra l-ġurisprudenza estensiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li rrikonoxxiet ġabra ta' prinċipji ġenerali tal-liġi amministrattiva bbażati fuq it-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2001 dwar ir-Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew wara inkjesta fuq inizjattiva proprja dwar l-eżistenza u l-aċċessibilità pubblika ta' Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba[3], fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-Komunità,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/633/KE, KEFA, Euratom tas-17 ta' Ottubru 2000 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tagħha biż-żieda ta' anness dwar Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba għal membri tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea fir-relazzjonijiet tagħhom mal-Pubbliku[4] [traduzzjoni mhux uffiċjali],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-Politika Esterna u ta' Sigurtà Komuni tal-25 ta' Ġunju 2001 dwar kodiċi ta' mġiba amministrattiva tajba għas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-persunal tiegħu fir-relazzjonijiet professjonali tagħhom mal-pubbliku[5],

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2007)7 tal-

---

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[2] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.
[3] ĠU C 72 E, 21.3.2002, p. 331.
[4] ĠU L 267, 20.10.2000, p. 63.
[5] ĠU C 189, 5.7.2001, p. 1.

Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar amministrazzjoni tajba, tal-20 ta' Ġunju 2007,

– wara li kkunsidra il-'Prinċipji ta' servizz pubbliku għas-servizz pubbliku tal-UE' ppubblikat mill-Ombudsman Ewropew fid-19 ta' Ġunju 2012;

– wara li kkunsidra l-istħarriġ ikkummissjonat mill-Gvern Svediż mill-Aġenzija Svediża għall-Amministrazzjoni Pubblika dwar il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra n-noti ta' informazzjoni ppreżentati fil-Konferenza dwar il-liġi amministrattiva tal-UE organizzata mid-Dipartiment tal-Politika tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament u l-Università ta' León (León, is-27 u t-28 ta' April 2011)[2],

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet inklużi fid-dokument ta' ħidma dwar is-sitwazzjoni u l-prospetti futuri għal-liġi amministrattiva tal-UE ppreżentati mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi Amministrattiva tal-UE lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali fit-22 ta' Novembru 2011[3],

– wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew ta' Liġi ta' Proċedura Amministrattiva tal-Unjoni Ewropea, ippreżentata mill-Unità għall-Valur Miżjud Ewropew lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali fis-6 ta' Novembru 2012[4],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 42 u 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A7-0396/2012),

A. billi, bl-iżvilupp tal-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini qegħdin dejjem iżjed ikunu kkonfrontati direttament bl-amministrazzjoni tal-Unjoni, mingħajr ma dejjem ikollhom id-drittijiet proċedurali korrispondenti li jistgħu jinfurzaw kontriha f'każijiet fejn azzjonijiet bħal dawn jistgħu jkunu meħtieġa;

B. billi ċ-ċittadini għandhom kull dritt jistennew mill-amministrazzjoni tal-Unjoni livell għoli ta' trasparenza, effiċjenza, eżekuzzjoni rapida tal-ħidmiet u kapaċità ta' rispons, irrispettivament minn jekk ikunux qed jirreġistraw ilment formali jew inkella jkunux qed jeżerċitaw id-dritt li jressqu petizzjoni skont it-Trattat, flimkien ma' informazzjoni rigward il-possibbiltà li jieħdu passi ulterjuri fil-kwestjoni li tkun;

C. billi r-regoli u l-prinċipji eżistenti tal-Unjoni dwar l-amministrazzjoni tajba jinsabu mferrxin f'varjetà wiesgħa ta' sorsi: il-liġi primarja, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-leġiżlazzjoni sekondarja, strumenti legali nonvinkolanti

1 http://www.statskontoret.se/upload/Publikationer/2005/200504.pdf.
2 http://www.europarl.europa.eu/committees/en/juri/studiesdownload.html?languageDocument=EN&file=59983.
3 http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2009_2014/documents/juri/dv/juri_wdadministrativelaw_/juri_wdadministrativelaw_en.pdf.
4 http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2009_2014/documents/juri/dv/eav_lawofadminprocedure_/EAV_LawofAdminprocedure_EN.pdf.

u l-impenji unilaterali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni;

D. billi l-fatt li l-Unjoni nieqsa minn ġabra koerenti u komprensiva ta' regoli kodifikati tal-liġi amministrattiva jagħmilha diffiċli għaċ-ċittadini biex jifhmu d-drittijiet amministrattivi tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

E. billi l-kodiċijiet ta' mġiba interni eżistenti tal-istituzzjonijiet differenti għandhom effett limitat, ivarjaw minn xulxin u mhumiex vinkolanti;

F. billi fir-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq tas-6 ta' Settembru 2001, fil-fehma li l-istess kodiċi ta' mġiba amministrattiva tajba għandha tapplika għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, il-Parlament approva b'emendi l-Kodiċi Ewropea ta' Mġiba Amministrattiva Tajba abbozzat mill-Ombudsman;

G. billi fl-istess riżoluzzjoni l-Parlament stieden lill-Kummissjoni biex tissottometti proposta għal regolament li jkun fih kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba bbażata fuq l-Artikolu 308 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

H. billi, kif enfasizzat mill-Ombudsman, dan jgħin biex tiġi eliminata l-konfużjoni li attwalment qed tirriżulta mill-eżistenza parallela ta' kodiċijiet differenti għal ħafna istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni, jiżgura li l-istituzzjonijiet u l-korpi japplikaw l-istess prinċipji bażiċi fir-relazzjonijiet tagħhom maċ-ċittadini u jenfasizza, kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-uffiċjali, l-importanza ta' prinċipji bħal dawn;

I. billi l-azzjonijiet kollha tal-Unjoni jeħtieġ li jkunu konformi mal-istat tad-dritt b'separazzjoni stretta tal-poteri;

J. billi d-dritt fundamentali għal amministrazzjoni tajba minqux fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea sar vinkolanti bħala liġi primarja;

K. billi r-regoli dwar l-amministrazzjoni tajba jippromwovu t-trasparenza u r-responsabbiltà;

L. billi problema urġenti li l-Unjoni Ewropea qed tħabat wiċċha magħha llum hija dik tan-nuqqas ta' fiduċja min-naħa taċ-ċittadini, nuqqas li jista' jaffettwa l-leġittimità tagħha; billi l-Unjoni Ewropea jeħtiġilha tindirizza bil-ħeffa tweġibiet ċari u viżibbli liċ-ċittadini ħalli tirrispondi għall-preokkupazzjonijiet tagħhom;

M. billi l-kodifikazzjoni tal-prinċipju ta' servizz – jiġifieri l-prinċiju li l-amministrazzjoni għandha taħdem biex tiggwida, tgħin, taqdi u tappoġġja liċ-ċittadini, taġixxi bil-kortesija adatta u għaldaqstant tevita proċeduri ta' piż u tul bla bżonn, biex b'hekk tiffranka ħin u sforzi sew liċ-ċittadini if ukoll lill-uffiċjali – ikun ta' siwi biex jissodisfa l-aspettativi leġittimi taċ-ċittadini u jibbenefika sew liċ-ċittadini kif ukoll lill-amministrazzjoni f'dak li jirrigwarda servizz imtejjeb u aktar effiċjenza; billi l-għarfien tad-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni għal amministrazzjoni tajba għandu jitkattar, inkluż permezz tas-servizzi ta' informazzjoni u n-netwerks relevanti tal-Kummissjoni;

N. billi, fid-dawl ta r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa, ġabra ċara u vinkolanti ta' regoli għall-amministrazzjoni tal-Unjoni tkun sinjal pożittiv fit-taqbida kontra l-korruzzjoni fl-amministrazzjonijiet

pubbliċi;

O. billi ġabra ċentrali ta' prinċipji ta' amministrazzjoni tajba attwalment tgawdi aċċettazzjoni wiesgħa fost l-Istati Membri;

P. billi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat prinċipji proċedurali stabbiliti sewwa li japplikaw għall-proċeduri tal-Istati Membri fi kwistjonijiet komunitarji u li għandhom japplikaw *a fortiori* biex jiggwidaw l-amministrazzjoni tal-Unjoni;

Q. billi Liġi Ewropea ta' Proċedura Amministrattiva tkun ta' siwi għall-amministrazzjoni tal-Unjoni hija u tuża l-qawwa tal-organizzazzjoni interna tagħha biex tiffaċilita u tippromwovi l-ogħla standards ta' amministrazzjoni;

R. billi Liġi Ewropea ta' Proċedura Amministrattiva ssaħħaħ il-leġittimità tal-Unjoni u tqawwi l-fiduċja taċ-ċittadini fl-amministrazzjoni tal-Unjoni;

S. billi Liġi Ewropea ta' Proċedura Amministrattiva tista' ssaħħaħ konverġenza spontanja tal-liġi amministrattiva nazzjonali, fir-rigward tal-prinċipji ġenerali ta' proċedura u d-drittijiet fundamentali ta' ċittadini fil-konfront tal-amministrazzjoni, u għalhekk issaħħaħ il-proċess ta' integrazzjoni;

T. billi Liġi Ewropea ta' Proċedura Amministrattiva tista' trawwem il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aqwa prattiki bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-amministrazzjoni tal-Unjoni, biex tilħaq l-objettivi stabbiliti bl-Artikolu 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

U. billi d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona ta lill-Unjoni bażi ġuridika adegwata għall-adozzjoni ta' Liġi Ewropea ta' Proċedura Amministrattiva;

V. billi l-azzjoni leġiżlattiva mitluba f'din ir-riżoluzzjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjonijiet tal-impatt dettaljati, li *inter alia* jikkwantifikaw il-kostijiet tal-proċeduri amministrattivi;

W. billi l-Kummissjoni għandha tidħol f'konsultazzjoni adegwata mal-atturi relevanti kollha, u għandha b'mod partikolari tutilizza l-għarfien speċjali u espert tal-Ombudsman Ewropew, ladarba lilu jsiru l-ilmenti tal-pubbliku rigward abbużi fil-korpi u fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni;

1. Jitlob lill-Kummissjoni biex tissottometti, fuq il-bażi tal-Artikolu 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal regolament dwar Liġi Ewropea ta' Proċedura Amministrattiva, skont ir-rakkomandazzjonijiet dettaljati mniżżla fl-Anness;

2. Jikkonferma li r-rakkomandazzjonijiet jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' sussisdjarjetà;

3. Iqis li l-proposta mitluba m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja.

4. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet dettaljati annessi magħha lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, lill-Ombudsman Ewropew u lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

## ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI RIGWARD IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

***Rakkomandazzjoni 1 (dwar l-għan u l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament li għandu jiġi adottat)***

L-għan tar-regolament għandu jkun li jiggarantixxi d-dritt għal amministrazzjoni tajba permezz ta' amministrazzjoni miftuħa, effiċjenti u indipendenti bbażata fuq Liġi Ewropea ta' Proċedura Amministrattiva.

Ir-regolament għandu japplika għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni ("l-amministrazzjoni tal-Unjoni") fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku. Il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għalhekk għandu jkun limitat għall-amministrazzjoni diretta.

Għandu jikkodifika l-prinċipji fundamentali ta' amministrazzjoni tajba u għandu jirregola l-proċedura li għandha tiġi segwita mill-amministrazzjoni tal-Unjoni fil-ġestjoni ta' każijiet individwali li fihom tkun parti persuna fiżika jew ġuridika, u sitwazzjonijiet oħrajn fejn individwu jkollu kuntatt dirett jew personali mal-amministrazzjoni tal-Unjoni.

***Rakkomandazzjoni 2 (dwar ir-relazzjoni bejn ir-regolament u l-istrumenti settorjali)***

Ir-regolament għandu jinkludi ġabra universali ta' prinċipji u għandu jistabbilixxi proċedura applikabbli bħala regola *de minimis* fejn ma jkun hemm l-ebda *lex specialis*.

Il-garanziji mogħtija lil persuni fl-istrumenti settorjali qatt m'għandhom jipprovdu inqas protezzjoni minn dawk preskritti fir-regolament.

***Rakkomandazzjoni 3 (dwar il-prinċipji ġenerali li għandhom jirregolaw l-amministrazzjoni)***

Ir-regolament għandu jikkodifika l-prinċipji li ġejjin:

– Il-prinċipju tal-legalità: l-amministrazzjoni tal-Unjoni għandha taġixxi skont il-liġi u tapplika r-regoli u l-proċeduri stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Is-setgħat amministrattivi għandhom ikunu bbażati fuq il-liġi, u l-kontenut tagħhom għandu jikkonforma mal-liġi.

  Id-deċiżjonijiet li jittieħdu jew il-miżuri adottati qatt m'għandhom ikunu arbitrarji jew immexxija minn skopijiet li ma jkunux ibbażati fuq il-liġi jew imħeġġa mill-interess pubbliku.

– Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali: l-amministrazzjoni tal-Unjoni għandha tevita kull diskriminazzjoni mhux ġustifikata bejn persuni abbażi tan-nazzjonalità, is-sess, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-

twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

Persuni li jkunu f'sitwazzjoni simili għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod. Id-differenzi fit-trattament għandhom ikunu ġustifikati biss minn karatteristiki oġġettivi tal-kwistjoni kkonċernata.

– Il-prinċipju tal-proporzjonalità: l-amministrazzjoni tal-Unjoni għandha tieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet u l-interessi ta' persuni biss meta jkun neċessarju u sa fejn ikun meħtieġ biex jintlaħaq l-għan imfittex.

  Meta jieħu deċiżjoni, l-uffiċjali għandhom jiżguraw bilanċ imparzjali bejn l-interessi ta' persuni privati u l-interess ġenerali. B'mod partikolari, m'għandhomx jimponu piżijiet amministrattivi jew ekonomiċi li jkunu eċċessivi meta mqabbla mal-benefiċċju mistenni.

– Il-prinċipju tal-imparzjalità: l-amministrazzjoni tal-Unjoni għandha tkun imparzjali u indipendenti. Għandha tastjeni minn kull azzjoni arbitrarja li taffettwa l-persuni, u minn kull trattament preferenzjali għal kwalunkwe raġuni.

  L-amministrazzjoni tal-Unjoni għandha dejjem taġixxi fl-interess tal-Unjoni u għall-ġid tal-pubbliku. L-ebda azzjoni m'għandha tkun iggwidata minn kwalunkwe interess personali (inkluż dak finanzjarju), familjari jew nazzjonali, jew minn pressjoni politika. L-amministrazjzoni tal-Unjoni għandha tiggarantixxi bilanċ ġust bejn tipi differenti ta' interessi taċ-ċittadini (negozji, konsumaturi u oħrajn).

– Il-prinċipju ta' konsistenza u aspettattivi leġittimi: l-amministrazzjoni tal-Unjoni għandha tkun konsistenti fl-imġiba tagħha stess u għandha ssegwi l-prattika amministrattiva normali tagħha, li għandha tkun pubblika. Fil-każ li jkun hemm raġunijiet leġittimi biex wieħed jitbiegħed minn prattika amministrattiva normali bħal din f'każijiet individwali, għandha tingħata dikjarazzjoni valida tar-raġunijiet għal dan.

  L-aspettattivi leġittimi u raġonevoli li l-persuni jista' jkollhom fid-dawl tal-mod li bih l-amministrazzjoni tal-Unjoni tkun aġixxiet fl-imgħoddi għandhom jiġu rispettati.

– Il-prinċipju tar-rispett tal-privatezza: l-amministrazzjoni tal-Unjoni għandha tirrispetta l-privatezza tal-persuni skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

  L-amministrazzjoni tal-Unjoni m'għandhiex tipproċessa data personali għal skopijiet mhux leġittimi jew tibgħat din id-data lil partijiet terzi mhux awtorizzati.

– Il-prinċipju tal-ġustizzja: jeħtieġ li dan jitħares bħala prinċipju legali bażiku li huwa indispensabbli biex tinħoloq klima ta' kunfidenza u prevedibbiltà fir-relazzjonijiet bejn l-individwi u l-amministrazzjoni;

– Il-prinċipju tat-trasparenza: l-amministrazzjoni tal-Unjoni għandha tkun aperta. Għandha tiddokumenta l-proċeduri amministrattivi u żżomm rekords adegwati ta'

posta li tkun waslet jew intbagħtet, tad-dokumenti rċevuti u d-deċiżjonijiet u l-miżuri li jkunu ttieħdu. Il-kontributi kollha tal-korpi ta' konsulenza u tal-partijiet interessati għandhom ikunu disponibbli fid-dominju pubbliku.

It-talbiet għal aċċess għal dokumenti għandhom jiġu ttrattati skont il-prinċipji ġenerali u l-limiti preskritti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

– Il-prinċipju tal-effiċjenza u s-servizz: azzjonijiet min-naħa tal-amministrazzjoni tal-Unjoni għandhom ikunu ggvernati mill-kriterji tal-effiċjenza u tas-servizz pubbliku.

Il-membri tal-persunal għandhom javżaw lill-pubbliku dwar il-mod kif kwistjoni koperta bil-mandat tagħhom għandha tiġi segwita.

Meta jirċievu talba dwar kwistjoni li ma jkunux responsabbli għaliha, għandhom jindirizzaw lill-persuna li tkun qed tagħmel it-talba għand is-servizz kompetenti.

*Rakkomandazzjoni 4 (dwar ir-regoli li jiggvernaw id-deċiżjonijiet amministrattivi)*

*Rakkomandazzjoni 4.1: dwar il-bidu ta' Proċedura amministrattiva*

Id-deċiżjonijiet amministrattivi jistgħu jittieħdu mill-amministrazzjoni tal-Unjoni fuq l-inizjattiva proprja tagħha jew fuq talba ta' parti interessata.

*Rakkomandazzjoni 4.2: dwar il-konferma ta' riċevuta*

It-talbiet għal deċiżjonijiet individwali għandhom jiġu rikonoxxuti bil-miktub, b'indikazzjoni tal-limitu ta' żmien għall-adozzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni. Il-konsegwenzi ta' kwalunkwe nuqqas ta' adozzjoni tad-deċiżjoni f'dak il-limitu ta' żmien (silenzju tal-amministrazzjoni) għandhom jiġu indikati.

F'każ ta' talba difettuża, il-konferma għandha tindika data tal-għeluq biex jissewwa d-difett jew biex jiġi ppreżentat dokument nieqes.

*Rakkomandazzjoni 4.3: dwar l-imparzjalità ta' deċiżjonijiet amministrattivi*

L-ebda membru tal-persunal m'għandu jieħu sehem fid-deċiżjoni amministrattiva li fiha hu jew hi jkollu interess finanzjarju.

Kull konflitt ta' interess għandu jiġi kkomunikat mill-membru tal-persunal ikkonċernat lis-superjur immedjat tiegħu jew tagħha, li jista' jieħu d-deċiżjoni li jeskludi lill-membru tal-persunal ikkonċernat mill-proċedura, fil-qies taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

Membru interessat tal-pubbliku jista' jitlob li uffiċjal ikun eskluż milli jieħu sehem fi kwalunkwe deċiżjoni li tkun se taffettwa l-interessi individwali ta' dik il-persuna. It-talba għal dan l-għan għandha tkun sottomessa bil-miktub u għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata. Is-superjur immedjat tal-uffiċjal għandu jieħu deċiżjoni wara li jisma' lill-uffiċjal ikkonċernat.

Għandhom jiġu stabbiliti dati tal-għeluq adegwati għat-trattament ta' konflitti ta' interess.

***Rakkomandazzjoni 4.4: dwar id-dritt għal smigħ***

Id-drittijiet tad-difiża għandhom jiġu rrispettati f'kull stadju tal-proċedura. Jekk l-amministrazzjoni tal-Unjoni tieħu deċiżjoni li tkun se taffettwa direttament id-drittijiet jew l-interessi ta' persuni, il-persuni kkonċernati għandhom jingħataw l-opportunità li jesprimu fehmiethom bil-miktub jew bil-fomm qabel tittieħed id-deċiżjoni, jekk ikun meħtieġ, jew jekk jagħżlu li jagħmlu hekk, bl-għajnuna ta' persuna magħżula minnhom.

***Rakkomandazzjoni 4.5: dwar id-dritt li wieħed ikollu aċċess għall-fajl tiegħu***

Parti interessata għandha tingħata aċċess sħiħ għall-fajl tagħha. Hija r-responsabbiltà tal-parti interessata li tiddetermina liema dokumenti mhux kunfidenzjali huma rilevanti.

***Rakkomandazzjoni 4.6: dwar limiti ta' żmien***

Id-deċiżjonijiet amministrattivi għandhom jittieħdu f'limitu ta' żmien raġonevoli u mingħajr dewmien. Il-limiti ta' żmien għandhom jiġu stabbiliti fir-regola korrispondenti li tirregola kull proċedura speċifika. Fejn ma jkun stabbilit l-ebda limitu ta' żmien, dan m'għandux jaqbeż it-tliet xhur mid-data tad-deċiżjoni biex tinbeda proċedura jekk tkun inbdiet ex officio jew mid-data tat-talba tal-parti interessata.

Jekk l-ebda deċiżjoni ma tkun tista' tittieħed f'dak il-limitu ta' żmien għal raġunijiet oġġettivi, bħalma huma l-ħtieġa li jingħata żmien għat-tiswija ta' talba difettuża, il-kumplessità tal-kwistjonijiet imqajma, l-obbligu li tiġi sospiża proċedura sa meta tittieħed id-deċiżjoni ta' parti terza eċċ., il-persuna kkonċernata għandha tkun infurmata dwarha u d-deċiżjoni għandha tittieħed fl-iqsar żmien possibbli.

***Rakkomandazzjoni 4.7: dwar l-għamla ta' deċiżjonijiet amministrattivi***

Id-deċiżjonijiet amministrattivi għandhom ikunu bil-miktub u għandhom jinkitbu b'mod ċar, sempliċi u li jinftiehem. Dawn għandhom ikunu abbozzati bil-lingwa magħżula mid-destinatarju, sakemm tkun waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

***Rakkomandazzjoni 4.8: dwar id-dmir li jiġu ddikjarati r-raġunijiet***

***Jeħtieġ li d-deċiżjonijiet amministrattivi jiddikjaraw biċ-ċar ir-raġunijiet li fuqhom ikunu msejsa. Għandhom jindikaw il-fatti rilevanti u l-bażi ġuridika tagħhom.***

Id-deċiżjonijiet jeħtieġ li jkun fihom dikjarazzjoni individwali tar-raġunijiet. Jekk dan ma jkunx possibbli minħabba l-fatt li għadd kbir ta' persuni jkunu kkonċernati minn deċiżjonijiet simili, komunikazzjonijiet standard għandhom ikunu permessi. F'dak il-każ, madankollu, għandha tingħata dikjarazzjoni individwali tar-raġunijiet lil kull ċittadin li jitlobha b'mod espliċitu.

***Rakkomandazzjoni 4.9: dwar in-notifika ta' deċiżjonijiet amministrattivi***

Id-deċiżjonijiet amministrattivi li jaffettwaw id-drittijiet u l-interessi ta' individwi għandhom ikunu nnotifikati bil-miktub lill-persuna jew persuni kkonċernati malli jiġu adottati.

*Rakkomandazzjoni 4.10: dwar l-indikazzjoni ta' rimedji disponibbli*

Id-deċiżjonijiet amministrattivi għandhom jiddikjaraw b'mod ċar – fejn il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni hekk tippreskrivi – li huwa possibbli appell, u għandha tiddeskrivi l-proċedura li għandha tiġi segwita għas-sottomissjoni ta' appell bħal dan, kif ukoll l-isem u l-indirizz tal-uffiċċju tal-persuna jew id-dipartiment li lilha/lilu għandu jitressaq l-appell u d-data tal-għeluq biex dan jitressaq.

Fejn ikun xieraq, id-deċiżjonijiet amministrattivi għandhom jirreferu għall-possibbiltà li jinbdew proċeduri ġudizzjarji u/jew li jitressaq ilment għand l-Ombudsman Ewropew.

*Rakkomandazzjoni 5 (dwar ir-reviżjoni u l-korrezzjoni ta' deċiżjonijiet proprji)*

Ir-regolament għandu jinkludi l-possibbiltà li l-amministrazzjoni tal-Unjoni tikkoreġi żball klerikali, aritmetiku jew simili fi kwalunkwe waqt fuq l-inizjattiva proprja tagħha jew wara talba mill-persuna kkonċernata.

Id-dispożizzjonijiet għandhom jiddaħħlu fir-rigward tar-rettifika ta' deċiżjonijiet amministrattivi għal raġunijiet oħrajn, li jiddifferenzjaw b'mod ċar bejn il-proċedura li għandha tiġi segwita għar-reviżjoni ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw ħażin l-interessi ta' persuna u dawk li jkunu ta' benefiċċju għal dik il-persuna.

*Rakkomandazzjoni 6 (dwar l-għamla u l-pubbliċità li għandhom jingħataw lir-regolament)*

Ir-regolament għandu jkun abbozzat b'mod ċar u konċiż, u għandu jkun jinftiehem faċilment mill-pubbliku.

Għandu jingħata tagħrif dwaru b'mod xieraq fis-siti tal-internet ta' kull istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

**Sfond**

Fit-23 ta' Marzu 2010 il-Kumitat għall-Affarijiet Legali stabbilixxa grupp ta' ħidma dwar il-Liġi Amministrattiva tal-UE bl-għan li jevalwa l-liġi amministrattiva tal-UE eżistenti u, bħala t-tieni pass, li jipproponi dawk l-intervenzjonijiet li qies adegwati fid-dawl tal-Artikolu 298 tat-TFUE.

Il-grupp ta' ħidma bbenefika minn ammont sostanzjali ta' għarfien orali u bil-miktub mill-prattikanti, akkademiċi, NGOs u membri u uffiċjali minn istituzzjonijiet, aġenziji, korpi u uffiċċji oħrajn li ppreżentaw u ddiskutew in-noti ta' informazzjoni tagħhom matul il-laqgħat tal-grupp ta' ħidma.

Dawn id-dokumenti u d-diskussjoni sussegwenti mal-esperti fil-grupp ta' ħidma flimkien mar-riżultati ta' konferenza organizzata b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Università ta' León ħolqu dokument ta' ħidma, imfassal taħt id-direzzjoni tar-rapporteur.

B'mod partikolari, id-dokumenti ta' ħidma ssuġġerew il-possibbiltà li titħejja inizjattiva leġiżlattiva għal liġi amministrattiva ġenerali unika li torbot lill-Istituzzjonijiet, il-korpi, l-aġenziji u l-uffiċji tal-Unjoni, fuq il-bażi tal-Artikolu 298 tat-TFUE, b'enfasi fuq il-proċedura amministrattiva u li tipprovdi sistema ta' sikurezza minima ta' garanziji liċ-ċittadini u n-negozji fit-tranżazzjonijiet diretti tagħhom mal-amministrazzjoni tal-Unjoni.

Id-dokument ta' ħidma ġie approvat mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Novembru.

**Il-Liġi ta' Proċedura Amministrattiva tal-Unjoni Ewropea**

F'Liġi ta' Proċedura Amministrattiva r-rapporteur jara opportunità li tissaħħaħ il-legalità tal-Unjoni u, fl-istess ħin, li ċ-ċittadini u l-persuni ġuridiċi jingħataw drittijiet aktar ċari u aktar ċertezza legali fir-relazzjonijiet tagħhom mal-amministrazzjoni tal-Unjoni.

Huwa jipproponi li l-Kummissjoni tiġi mistiedna tissottometti proposta għal regolament dwar Liġi Ewropea ta' Proċedura Amministrattiva.

Il-Liġi għandha tkun limitata għal Amministrazzjoni diretta tal-UE u għandha tkun applikabbli, bħala *lex generalis*, għall-Istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni u għall-oqsma kollha tal-attività tal-Unjoni.

Fil-fehma tar-rapporteur dan is-sett ta' prinċipji ġenerali għandu jservi bħala regoli *de minimis* fejn l-ebda *lex specialis* ma jeżisti u l-garanziji provduti lill-persuni fl-istrumenti settorjali qatt m'għandhom ikunu inqas minn dawk provduti fir-regolament.

Ir-rapporteur jirrakkomanda li jiġi kkodifikat sett ta' prinċipji ġenerali ta' amministrazzjoni

tajba li għandu jiggwida l-azzjonijiet tal-amministrazzjoni tal-Unjoni u jistabbilixxi għadd minimu ta' regoli proċedurali bażiċi li għandhom jiġu segwiti mill-amministrazzjoni tal-Unjoni meta jiġu trattati każijiet individwali, li fihom persuna naturali jew legali tkun parti, u sitwazzjonijiet oħrajn fejn individwu jkollu kuntatt dirett jew personali mal-amministrazzjoni tal-Unjoni. Dawk ir-regoli għandhom, b'mod partikolari, jippromwovu t-trasparenza u r-responsabbiltà u jżidu l-fiduċja taċ-ċittadin fl-amministrazzjoni tal-UE.

Ir-rakkomandazzjonijiet inklużi f'dan ir-rapport huma bbażati fuq l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fuq il-Kodiċi Ewropea ta' Mġiba Amministrattiva Tajba. Il-Kodiċijiet tal-Kummissjoni u tal-Kunsill ukoll kienu sors ta' ispirazzjoni.

Ir-rapporteur ikkunsidra wkoll il-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali li jiggarantixxu proċedura amministrattiva ġusta u imparzjali u huma bbażati fuq it-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri differenti.

25.6.2012

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar id-dritt tal-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri amministrattivi
(2012/2024(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Margrete Auken

(Inizjattiva – Artikolu 42 tar-Regoli ta' Proċedura)

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli:

– biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt Amministrattiv tal-UE tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament;

2. Jikkunsidra li, bl-iżvilupp tal-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini qegħdin dejjem iżjed ikunu kkonfrontati direttament bl-amministrazzjoni tal-Unjoni, mingħajr ma dejjem ikollhom id-drittijiet proċedurali korrispondenti li jistgħu jinfurzaw kontriha f'każijiet fejn azzjonijiet bħal dawn jistgħu jkunu neċessarji;

3. Jirrimarka li, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, id-dritt ta' amministrazzjoni tajba hu dritt fundamentali taċ-ċittadini, u li l-proċeduri amministrattivi mhux vinkolanti, li jistgħu jkunu modifikati unilateralment mill-istituzzjoni kkonċernata, mhux dejjem huma biżżejjed biex jipproteġu d-dritt tal-individwu għal amministrazzjoni tajba, għalkemm se jżommu l-importanza tagħhom għal kultura globali ta' amministrazzjoni tajba flimkien mad-dispożizzjonijiet vinkolanti;

4. Ifakkar li, qabel, l-ewwel Ombudsman Ewropew kien ippropona l-adozzjoni ta' kodiċi vinkolanti dwar l-imġiba amministrattiva tajba u li l-Parlament kien appoġġja dik il-proposta u stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta, imsejsa fuq il-kodiċi, għar-regolamentazzjoni ġenerali tal-proċeduri amministrattivi, imma li l-Kummissjoni kienet qablet biss mal-adozzjoni ta' linjigwida mhux vinkolanti;

5. Jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra regolament, ibbażat fuq l-Artikolu 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropew (TFUE), li jipprovdi għal standards minimi ta' kwalità u garanziji proċedurali li jkunu japplikaw b'mod orizzontali għall-amministrazzjoni kollha tal-Unjoni; iqis li din il-liġi ġenerali għandha tkun limitata għall-amministrazzjoni diretta tal-UE, skont l-Artikolu 298 TFUE;

6. Jitlob lill-Kummissjoni tiggarantixxi d-dritt għal amministrazzjoni tajba permezz ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti, fejn id-dritt għal amministrazzjoni tajba, kif definit bl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u soġġett għar-restrizzjonijiet ġenerali tal-Artikolu 51 tagħha, jinftiehem bħala d-dritt ta' kull persuna li jkollu l-affarijiet tiegħu trattati imparzjalment, b'mod ġust u fi żmien raġonevoli;

7. Jinnota li l-prinċipji ġenerali tar-regolazzjoni amministrattiva Ewropea futura għandhom jinkludu l-prinċipju tal-ugwaljanza u l-prinċipji tal-imparzjalità u l-indipendenza, filwaqt li jiġu garantiti l-ġustizzja, il-legalità u ċ-ċertezza legali u l-prinċipji tal-proporzjonalità u t-trasparenza;

8. Jikkunsidra li l-introduzzjoni tal-prinċipju ta' servizz – jiġifieri li l-amministrazzjoni tfittex li tiggwida, tgħin, isservi u tappoġġja liċ-ċittadini, taġixxi b'korteżija xierqa u għalhekk tevita proċeduri ineffiċjenti u li jieħdu ħafna żmien bla bżonn u b'hekk tiffranka kemm il-ħin kif ukoll l-isforzi taċ-ċittadini u l-uffiċjali – tkun ta' għajnuna sabiex jiġu ssodisfati l-aspettattivi leġittimi taċ-ċittadini u tkun ta' benefiċċju kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-amministrazzjoni f'termini ta' servizz imtejjeb u aktar effiċjenza;

9. Jisħaq dwar il-ħtieġa urġenti li jiddaħħlu regolamenti amministrattivi aktar estensivi għall-proċedura applikabbli skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 preżenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[1], li għandhom jiġu adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 15 TFUE, b'attenzjoni partikolari fuq il-kodifikazzjoni l-każistika relevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-amministrazzjoni kollha tal-UE; b'mod simili, għandu jkun hemm dispożizzjonijiet aktar effikaċi dwar il-proċedura applikabbli għall-ipproċessar ta' data personali – b'mod partikolari dwar l-implimentazzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini ggarantiti permezz ta' din il-proċedura – skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data[2], li għandhom jiġu adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 16 TFUE; jirrikonoxxi, madankollu, li r-regolamenti msemmijin wasslu għall-kodifikazzjoni ta' żewġ oqsma tad-dritt amministrattiv ġenerali tal-Unjoni, ħaġa li diġà ppermettiet li jiddaħħlu proċeduri amministrattivi relattivament ċari, u li l-iżvilupp ulterjuri ta' dawn għandhom jissokta jibni fuq dak li diġà nkiseb s'issa;

10. Jikkunsidra li regoli ta' applikazzjoni ġenerali huma neċessarji sabiex jiggarantixxu d-drittijiet proċedurali – bħad-dritt li wieħed ikun infurmat u d-dritt li wieħed jiġi mismugħ – ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi meta tittieħed deċiżjoni dwar kwistjoni li dawn jistgħu jiġu

[1] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.
[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

kkunsidrati bħala parti fiha u li tipproduċi effetti legali għall-persuna jew l-entità kkonċernata, u dwar id-dritt ta’ aċċess għall-fajls personali tal-individwu;

11. Jitlob lill-Kummissjoni tintroduċi dispożizzjonijiet amministrattivi speċifiċi għall-proċedimenti ta’ ksur ibbażati fuq l-Artikolu 258 TFUE, sabiex tipprevjeni kull possibilità ta’ abbuż ta’ poter u deċiżjonijiet arbitrarji; iqis li dispożizzjoni bħal din għandha tirregola r-relazzjoni kollha bejn il-Kummissjoni u ċittadin jew impriża li jippreżentaw ilment li jista’ jwassal għal proċedura ta’ ksur, u b’hekk tissaħħaħ primarjament il-pożizzjoni ta' min ikun ressaq l-ilment; iqis li hu partikolarment konsiljabbli li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament jiġi pprovdut b’informazzjoni ċara dwar l-istadji milħuqa fil-proċeduri ta’ ksur koperti minn petizzjoni miftuħa sabiex ikun assigurat skrutinju parlamentari tad-dritt fundamentali ta’ petizzjoni lill-Parlament Ewropew;

12. Jinnota li r-Regolamenti tal-Persunal jistabbilixxu regoli ġenerali dwar kunflitti ta’ interess fir-rigward ta’ sitwazzjonijiet meta uffiċjal għandu jinforma lis-superjuri tiegħu, eċċ, iżda jqis li dawn ir-regoli jeħtieġ li jiġu ssupplimentati b'regoli li jirregolaw il-konsegwenzi, bħar-revoka possibbli ta’ deċiżjonijiet meħuda bi ksur tar-regoli dwar il-kunflitti ta’ interess, kif ukoll it-twaqqif ta’ skadenza għall-infurzar tad-deċiżjonijiet kollha, ħalli tkun żgurata l-prevedibilità tal-proċessi amministrattivi;

13. Jikkunsidra li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom jistennew livell għoli ta’ trasparenza, effiċjenza, eżekuzzjoni rapida u reattività mill-Kummissjoni, irrispettivament minn jekk humiex qegħdin jagħmlu lment formali jew jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta’ petizzjoni skont it-Trattat, flimkien ma' informazzjoni dwar il-possibilità li tittieħed aktar azzjoni rigward il-kwistjoni.

14. Jistieden lill-Kummissjoni tidħol f’konsultazzjoni adegwata mal-atturi relevanti kollha hi u tfassal proposta għal regolament dwar l-introduzzjoni ta’ proċeduri amministrattivi ġenerali tal-UE u b’mod partikoli tagħmel użu mill-għarfien u l-ħila esperta speċjali tal-Ombudsman Ewropew, billi huwa għandu li jirrikorri l-pubbliku meta jilmenta dwar l-abbużi fil-korpi u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni;

15. Iqis li l-Kummissjoni għandha wkoll tinvestiga l-użu ta’ estensjoni ulterjuri tas-servizzi msejsin fuq l-IT skont ir-regolament; ifakkar li l-potenzjal tal-proċeduri amministrattivi appoġġjati mill-IT mhux biss mhuwiex limitat għas-sistemi ġodda ta' informazzjoni onlajn, imma wkoll li jistgħu jħaddnu "sistemi ta' riżoluzzjoni" interattivi bejn l-awtoritajiet amministrattivi u anke bejn l-awtoritajiet u ċ-ċittadini;

16. Jistieden lill-Kummissjoni, hi u tfassal proposta għal att amministrattiv ġenerali, iżżid il-kuxjenza pubblika dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni għal amministrazzjoni tajba, inkluż permezz tas-servizzi u netwerks rilevanti tagħha ta' informazzjoni (bħal Europe Direct); jisħaq li inizjattivi ta’ informazzjoni bħal dawn għandhom ukoll iqisu l-proċeduri ta’ appell li huma disponibbli fil-każ ta’ vjolazzjoni preżunta tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u, b’mod partikolari, il-limiti speċifiċi ta' dawk il-proċeduri, kif preskritt, pereżempju, fl-Artikolu 228 TFUE dwar l-Ombudsman Ewropew; huwa konvint li se toħroġ pressjoni pubblika kostruttiva mill-għarfien u l-kuxjenza akbar fost iċ-ċittadini dwar dan id-dritt u l-proċeduri ta’ lment marbutin miegħu, u li dan jista’ jwassal għat-tiswir ta' amministrazzjoni miftuħa, effiċjenti u indipendenti fl-affarijiet ta' kuljum.

# RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 19.6.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 18<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Margrete Auken, Philippe Boulland, Simon Busuttil, Michael Cashman, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Iliana Malinova Iotova, Peter Jahr, Lena Kolarska-Bobińska, Erminia Mazzoni, Willy Meyer, Ana Miranda, Adina-Ioana Vălean, Jarosław Leszek Wałęsa, Tatjana Ždanoka |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Phil Prendergast, Axel Voss, Angelika Werthmann |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Othmar Karas |

10.10.2012

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI

għall-Kumitat tal-Affarijiet Legali

dwar il-liġi ta' Proċedura amministrattiva tal-Unjoni Ewropea
(2012/2024(INI))

Relatur: Anneli Jäätteenmäki

(Inizjattiva – Artikolu 42 tar-Regoli ta' Proċedura)

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli:

– biex jinkorpora s-suġġeriment li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. A. billi problema urġenti tal-Unjoni Ewropea llum hija n-nuqqas ta' fiduċja li juru ċ-ċittadini u li jista' jkollu effett fuq il-leġittimità tagħha; billi l-Unjoni Ewropea teħtieġ tindirizza tweġiba malajr, ċari u viżibbli liċ-ċittadini ħalli tirrispondi għat-tħassib tagħhom;

B. billi t-Trattat ta' Lisbona jiddisponi għall-abbozzar ta' Regolament dwar l-Amministrazzjoni Ewropea, fuq il-bażi tal-Artikolu 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li għadu jrid jiġi implementat;

C. B. billi l-azzjonijiet kollha tal-Unjoni għandhom ikunu konformi mal-prinċipji tal-istat tad-dritt u s-separazzjoni tal-poteri;

D. billi l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jirrikonoxxi d-dritt għal amministrazzjoni tajba bħala dritt fundamentali taċ-ċittadini, sar vinkolanti skont it-termini tal-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

E. billi l-Artikolu 298 tat-TFUE jipprovdi bażi ġuridika xierqa għall-adozzjoni ta' Liġi ta' Proċedura Amministrattiva tal-UE;

F. billi l-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba ppreparat mill-Ombudsman Ewropew u

approvat mill-Parlament fis-6 ta' Settembru 200[1]1 jipprovdi bażi tajba għar-Regolament il-ġdid, kif tagħmel il-ġabra ta' 'Prinċipji tas-servizz pubbliku għas-servizz pubbliku tal-UE' ppubblikata mill-Ombudsman fid-19 ta' Ġunju 2012 kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar amministrazzjoni tajba; billi l-esperjenza miksuba mill-attività tal-Ombudsman tista' tkun ta' użu wkoll f'dan ir-rigward;

G. billi Regolament dwar il-Liġi Amministrattiva Ewropea jista' jimmira li jkun hemm konverġenza fil-futur tar-regoli nazzjonali ta' Dritt Amministrattiv, f'dak li għandu x'jaqsam mal-prinċipji ġenerali marbutin maċ-ċittadini, u għandu mnejn jgħin it-tisħiħ tal-proċess tal-integrazzjoni f'dan il-qasam;

H. billi, meta jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa, ġabra ċar u vinkolanti ta' regoli għall-amministrazzjoni tal-UE tkun sinjal pożittiv fit-taqbida kontra l-korruzzjoni fl-amministrazzjonijiet pubbliċi;

I. billi Regolament ikun jista' jrawwem il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aqwa prattiki bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-amministrazzjoni tal-UE, ħalli jkunu sodisfatti l-objettivi ddelineati fl-Artikolu 298 tat-TFUE;

1. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fuq il-bażi tal-Artikolu 298 tat-TFUE, tibgħat proposta għal regolament li jkun jinkludi l-prinċipji bażiċi tal-amministrazzjoni tajba u li jkun jistipula l-istandards minimi ta' kwalità u garanziji ta' proċedura li għandhom jiġu rrispettati mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji kollha tal-Unjoni;

– biex tinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fl-anness tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħha:

2. Ir-Regolament għandu jistabbilixxi garanzija u jistipula regoli ta' proċedura aktar dettalljati sabiex ikun żgurat rispett tal-prinċipji fundamentali tas-separazzjoni tal-poteri, ta' amministrazzjoni tajba, jiġifieri l-prinċipji tal-legalità u ċ-ċertezza legali, il-proporzjonalità, l-indipendenza, l-imparzjalità u l-ġustizzja, l-aspettattivi leġittimi u l-ugwaljanza;

3. Ir-Regolament għandu jagħmilha ta' leġiżlazzjoni kwadru li tagħti lill-amministrazzjoni tal-UE sett universali ta' prinċipji u għandu jistabbilixxi proċedura applikabbli bħala regola de minimis fejn ma jkun jeżisti l-ebda lex specialis;

4. Billi l-bona fide hija issa rikonoxxuta bħala prinċipju legali bażiku u trid titqies bħala indispensabbli fil-ħolqien ta' klima ta' fiduċja u prevedibilità fir-relazzjonijiet bejn l-individwi u l-amministrazzjoni, għandha titqies bħala inkluża bħala entrata separata fl-elenku tal-prinċipju ġenerali li għandu jirregola l-attività amministrattiva;

5. Il-prinċipju tal-azzjoni fl-interess pubbliku u tal-prinċipju tal-bona fide għandu għalhekk

[1] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Settembru 2001 dwar ir-Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew wara inkjesta fuq inizjattiva proprja dwar l-eżistenza u l-aċċessibilità pubblika ta' Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità (ĠU C 72 E, 21.3.2002, p. 331).

ikun inkluż fost il-prinċipji ġenerali tal-amministrazzjoni tajba;

6. L-amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea għandha timxi fuq il-prinċipju ta' servizz li jfisser li l-amministrazzjoni għandha taħdem fl-ispirtu ta' servizz għaċ-ċittadini, pereżempju billi tipprovdi liċ-ċittadini bil-pariri li jeħtieġu u tirrispondi għad-domandi tagħhom, filwaqt li tagħti bil-miktub ir-raġunijiet għad-deċiżjonijiet adottati u tinformahom dwar is-soluzzjonijiet disponibbli għalihom;

7. Obbligu ġenerali li jitlob li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji jieħdu passi fi żmien raġonevoli għandu jkun speċifikat fir-regoli ta' proċedura relevanti;

8. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jiggarantixxu, bi qbil ma' punt (a) tal-Artikolu 41(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li l-persuna kkonċernata tinstema' qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tista' tolqtilha jeddijietha jew l-interessi tagħha;

9. Id-dritt taċ-ċittadini għall-informazzjoni għandu jiġi implimentat permezz ta' regola li tobbliga l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji biex jipprovdu liċ-ċittadini mingħajr dewmien kwalunkwe informazzjoni li jistgħu jiġu bżonn biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom u barra minn hekk, billi joffrulhom l-aċċess għal dokumenti fornuti mir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[1], flimkien mad-dritt għall-aċċess tal-profil tagħhom stess; l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji għandhom jiġu obbligati biex iżommu reġistru tad-dokumenti tagħhom;

10. Peress li kull ċittadin għandu d-dritt, skont punt (d) tal-Artikolu 20(2) tat-TFUE, li jikkomunika b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni tal-għażla tiegħu jew tagħha fil-korrispondenza mal-amministrazzjoni tal-Unjoni, il-lingwa użata mill-istituzzjonijiet meta jindirizzaw liċ-ċittadini għandha tkun ċara u faċli biex tiftiehem.

11. Sabiex titħeġġeġ is-soluzzjoni ekstraġudizzjali tat-tilwimiet, għandhom jiġu preskritti proċeduri għal appelli amministrattivi kontra deċiżjonijiet adotta mill-istituzzjonijiet, korpi, servizzi u aġenżiji tal-Unjoni;

[1] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

# BAŻI

Għaddew sentejn u nofs minn meta t-Trattat ta' Lisbona daħal fis-seħħ. L-Artikolu 298 dwar l-amministrazzjoni tajba huwa l-uniku wieħed mill-Artikoli l-ġodda tat-Trattat li l-Kummissjoni għadha ma ħadet l-ebda azzjoni fuqu. Issa huwa ż-żmien li tittieħed azzjoni.

Il-fiduċja fl-amministrazzjoni tista' tiżdied b'mod sinifikanti billi jkun preparat kodiċi ta' amministrazzjoni li japplika għall-istituzzjonijiet tal-UE kollha u li jiddefinixxi l-prinċipji u l-prattiki ta' amministrazzjoni tajba. L-Artikolu 298 tat-Trattat ta' Lisbona jipprevedi t-tfassil ta' regolament bħal dan, u jgħid li *'Fit-twettiq tal-missjonijiet tagħhom, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandu jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolament skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet għal dan l-għan, konformement mar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg adottati abbażi tal-Artikolu 336.'*

L-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jiddefinixxi d-dritt taċ-ċittadini għal amministrazzjoni tajba. Skont l-Artikolu, kull persuna għandha d-dritt li jkollha l-kwistjonijiet tagħha ttrattati b'mod imparzjali, ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. L-Artikolu jistipula wkoll id-drittijiet taċ-ċittadini biex isemmgħu leħinhom, ikollhom aċċess għall-fajls tagħhom stess, jirċievu kumpens għal ħsarat u jikkuntattjaw l-istituzzjonijiet b'waħda mil-lingwi tat-Trattati, kif ukoll l-obbligu tal-amministrazzjoni li tagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha.

Din il-lista ta' drittijiet, flimkien ma' linji gwida dwar amministrazzjoni tajba eżistenti, tifforma bażi li fuqha din il-proposta se tinbidel f'regolament. Eżempju wieħed tajjeb ta' linji gwida bħal dawn huwa l-Kodiċi Ewropew tal-Imġiba Amministrattiva Tajba, li ġie mfassal mill-Ombudsman Ewropew u approvat mill-Parlament Ewropew fl-2001. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa dwar amministrazzjoni tajba jistgħu jintużaw ukoll bħala test ta' sors għar-regolament.

Ir-regolament amministrattiv għandu japplika għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE. Madanakollu, ma jistax japplika fuq Stati Membri meta jkunu qed jimplimentaw deċiżjonijiet magħmula mill-UE.

Il-leġittimità hija dipendenti fuq jekk iċ-ċittadini jemmnux li huma kapaċi li jinfluwenzaw il-politiki tal-UE permezz ta' proċessi demokratiċi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u fil-ħolqien ta' fiduċja fil-ġustizzja u l-indipendenza tal-amministrazzjoni tal-UE.

Regolament ta' definizzjoni għal proċeduri amministrattivi joħloq sens ta' sigurtà, kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-uffiċjali tal-Unjoni, li għalihom ir-regolament se joffri appoġġ matul il-qadi ta' dmirijiethom. Liġi dwar amministrazzjoni tajba se taħdem ukoll bħala bażi għall-Qorti ta' Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea peress li tieħu ħsieb każijiet marbuta mal-amministrazzjoni tal-Unjoni.

Attwalment, hemm bosta linji gwida speċifiċi għas-settur li japplikaw għall-proċedura

amministrattiva. Dawn jeżistu f'oqsma bħall-politika tal-kompetizzjoni, il-politika reġjonali u l-politika tal-konsumaturi. Il-problema b'dawn ir-regoli hija li jeżistu f'ħafna oqsma differenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE, u ma teżisti l-ebda leġiżlazzjoni integrata dwar dan is-suġġett.

It-trasparenza hija parti essenzjali minn amministrazzjoni tajba. Hija wkoll l-iktar fattur importanti fil-ħolqien tal-fiduċja. Ir-regoli dwar l-aċċess għad-dokumenti (1049/2001) ġew miftuħa għar-reviżjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew għal ħafna snin issa. Huwa ċar li l-liġi dwar l-amministrazzjoni li għada ġejja għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament. Madanakollu, għandha tmur lil hinn mil-limiti tar-regolament f'xi aspetti. Pereżempju, rekwiżit li d-dokumentazzjoni għandha tkun irreġistrata, li mhux inkluż fir-Regolament 1049/2001, għandu jkun parti mil-liġi dwar l-amministrazzjoni.

Il-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba, imfassal mill-Ombudsman Ewropew, jesprimi l-opinjoni li l-amministrazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE għandha tikkonforma ma' ċerti prinċipji ta' servizz. Skont il-Kodiċi, huwa d-dmir tal-uffiċjali li jagħmlu dak kollu possibbli biex jassisstu ċ-ċittadini fl-interrazzjonijiet tagħhom mal-istituzzjonijiet. Dan jeħtieġ li l-mistoqsijiet taċ-ċittadini jitwieġbu, li jiġu ggwidati lejn il-korp relevanti u li jkunu ttrattati b'rispett.

Waħda mill-akbar problemi li ċ-ċittadini jesperjenzaw mal-amministrazzjoni tal-UE hija l-lingwa tagħha. Għalkemm it-Trattat jitlob li ċ-ċittadini jkunu kapaċi jinteraġixxu mal-istituzzjonijiet bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE, dan ma jfissirx neċessarjament li l-lingwa tinftiehem. L-intriċċi tal-lingwa legali u uffiċjali jsiru saħansitra aktar diffiċli biex jinftiehmu meta jiġu tradotti f'lingwa oħra. Uffiċjali f'istituzzjonijiet tal-UE għandhom jirċievu taħriġ dwar kif jużaw lingwa li tinftiehem.

# RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 9.10.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 22<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alfredo Antoniozzi, Andrew Henry William Brons, Carlo Casini, Andrew Duff, Roberto Gualtieri, Enrique Guerrero Salom, Gerald Häfner, Stanimir Ilchev, Constance Le Grip, David Martin, Morten Messerschmidt, Paulo Rangel, Algirdas Saudargas, Indrek Tarand, Rafał Trzaskowski, Manfred Weber |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Zuzana Brzobohatá, Andrea Češková, Marietta Giannakou, Anneli Jäätteenmäki, Vital Moreira, Helmut Scholz, György Schöpflin |

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 6.11.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 24<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Jiří Maštálka, Alajos Mészáros, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Rainer Wieland, Cecilia Wikström, Zbigniew Ziobro, Tadeusz Zwiefka |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Eva Lichtenberger, Angelika Niebler, József Szájer, Axel Voss |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sylvie Guillaume |